MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 892/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Michael Stockdale (K.I. 29544A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tliet elf, mija u tliet ewro, u hamsa u sittin ewro centezmu (€3,103.65) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgibu in-numri 2157 5697 skont kif jirrizulta mill-anness dokument mat-talba mmarkat Dok A.

Illi l- konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz u li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young fil-15 ta' Jannar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------